MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 339/2002/1

**Avviz numru 339/02 DM**

**Video-On-Line Ltd.
Vs
Ian Giles**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici talbet il-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta’ elf hames mija u hamsa u tletin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,535.75) rappresentanti bilanc dovut in konnessjoni ma’ servizz ta’ ‘Internet’ prestat lill-konvenut skond kuntratt datat 22 ta’ Ottubru, 1999, (Dok. A).
Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra bonarja u ta’ l-ittra ufficjali datata 23 ta’ Ottubru, 2001, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Preliminarjament il-konvenut mhux il-legittimu kontradittur f 'din il-kawza u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ;
2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost u dejjem in linea preliminari, parti ta' l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa preskritt ai termini ta' l-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili [Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta] ;
3. Fil-meritu u kuntrarjament ghal dak indikat fl-avviz, is-socjeta ; attrici prestat il-maggor parti tas-servizzi ta' l-'Internet' lis-socjeta' 'Page Technology Limited', liema socjeta' kienet, bil-kunsens ta' l-istess socjeta' attrici, assumiet ukoll, tramite novazzjoni, kwalunkwe ammont pendenti li seta' kien hemm fuq il-kont in ezami biex b'hekk il-konvenut m'ghandu jaghti ebda somma flus lis-socjeta' attrici ;
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-25 ta' Frar, 2003 revokata b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-25 ta' Frar, 2004;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi bis-sentenza taghha tal-25 ta' April, 2004, il-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri kienet irrespingiet l-ewwel (1) eccezzjoni sollevata mill-konvenut li kienet tirrigwarda l-allegazzjoni li ma kienx il-leggittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-Gudizzju u rrimettiet il-process lura lil din il-Qorti sabiex jigu kkunsidrati u decizi l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut fil-kwadru tal-provi u l-atti processwali.

Mis-sentenza msemmija tal-Qorti ta' l-Appell ghalhekk jirrizulta illi l-ftehim illi gie ffirmat bejn l-atturi u l-konvenut,

ghan-nom ta’ Global Services Limited, ghandu jigi meqjus bhala ftehim illi gie ffirmat mill-atturi u l-konvenut personalment billi kif jistqarr l-istess konvenut, u deciz mill-Qorti ta’ l-Appell, il-kumpanija Global Services Limited qatt ma giet irregistrata u ghaldaqstant il-konvenut personalment ghandu jirrispondi ghall-obbligazzjonijiet kollha assunti minnu ghan-nom tal-kumpanija minnu msemmija.

Bit-tieni (2) eccezzjonijiet tieghu l-konvenut qajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* ta’ l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili li jikkontempla l-preskrizzjoni ta’ l-azzjonijiet ta’ kredituri ghal prezz ta’ merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut bl-gheluq ta’ tmintax (18) il xahar.

Ghalhekk l-ewwel ezami li trid taghmel din il-Qorti hija li tistabbillixxi jekk l-azzjoni li qed tigi ezercitata mill-atturi hiex dik ta’ kredituri ghall-prezz ta’ merkanzija jew oggetti ohra mobbli mibjugha bl-imnut.

Mill-premessi stess ta’ l-Avviz kif ifformulat, diga’ jirrizulta illi l-atturi mhux qed jippretendu illi huma kredituri ta’ prezz ta’ xi bejgh ta’ xi oggetti izda espressament qed jiddikjaraw illi l-ammont li huma qed jesigu li jithallas mill-konvenut jirreferi ghall-prezz ta’ servizz ta’ *internet* prestat lill-konvenut skond il-kuntratt datat 22 ta’ Ottubru, 1999, pprezentat a fol. 2 tal-process bhala Dokument ‘A’.

Anke minn ezami ta’ l-istess kuntratt, illi a bazi tieghu qed jagixxu l-atturi, jirrizulta illi mkien ma hu kkontemplat xi bejgh ta’ xi oggett jew hwejjeg ohra mobbli bl-imnut jew b’mod iehor, izda dejjem huwa kkontemplat l-ghoti ta’ servizz ta’ komunikazzjoni ma’ l-*internet* da parti ta’ l-atturi lill-konvenut u liema ghoti ta’ servizz kien jikkontempla ukoll il-konsenja ta’ l-apparat idoneu sabiex issir tali komunikazzjoni.

Il-konsenja biss ta’ dan l-apparat biex jinghata is-servizz ma twassalx biex il-kuntratt jirriforma ruhhu f’wiehed ta’ bejgh, izda jibqa’ dejjem kuntratt dwar l-ghoti ta’ servizz,

kif infatti jirrizulta mill-konsenja lura ta’ l-apparat lill-atturi meta s-servizz kontemplat kien gie tterminat.

Ghaldaqstant m’huwiex applikabbli l-Artikolu 2148(b) tal-KodiciCiv ili u konsegwentement din il-Qorti qieghda tirrespingi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu, billi l-kumpanija ‘Page Technology Limited’ ma kienetx iffurmata sa Marzu tas-sena 2000, ma jista’ jinghad qatt illi s-servizzi prestati mill-atturi, almenu sa dik id-data, setghu gew moghtija lill-kumpanija ‘Page Technology Limited’.

Pero’ il-konvenut qed jallega illi saret novazzjoni u d-debitu li semmai seta’ kien tieghu personali gie ttrasferit fuq il-kumpanija ‘Page Technology Limited’.

Moghtija din l-eccezzjoni jispetta lill-konvenut illi jipprova din l-allegazzjoni billi mhux biss jindika x’kienet ix-xewqa u l-intenzjoni tieghu meta giet iffurmata ‘Page Technology Limited’ u taghha sar direttur, imma li jipprova ukoll l-adezjoni, mhux biss ta’ ‘Page Technology Limited’ li din b’hekk trid tassumi d-debiti tal-konvenut, imma l-adezjoni ukoll tal-kumpanija attrici bi prova konklussiva li din il-kumpanija effettivament riedet tirrinunzja ghall-kreditu taghha kontra l-konvenut u ghabbiethu fuq il-kumpanija ‘Page Technology limited’.

Pero’ il-provi prodotti mill-konvenut juru mod iehor. Infatti jirrizulta illi l-kumpanija attrici, ghalkemm irrikonoxxeit illi minn xi zmien is-servizzi taghha kienu issa qed jinghataw lil ‘Page Techonology Limited’, hija qatt ma rrinunzjat ghall-krediti taghha fil-konfront tal-konvenut, tant illi, mill-*invoices* stess illi kien jircievi l-istess konvenut, dawn kienu qed jigu u intestati lil ‘Page Technology Limited’ u lill-konvenut flimkien u spediti fl-indirizz personali ta’ l-istess konvenut.

Minn naha l-ohra id-diretturi ta’ ‘Page Technology Limited’, filwaqt illi espressament jichdu illi huma assumew id-debiti tal-konvenut, jikkoncedu pero’ illi sa

minn Marzu, 2000, sa minn meta giet iffurmata l-kumpanija taghhom, huma kienu bbenifikaw mis-servizzi ta' l-atturi u anke pprospettaw illi jhallsu huma stess ta' dawk is-servizzi li huma rcevew.

Ghaldaqstant il-konvenut ma wasalx ghall-prova illi b'xi mod tindika li l-atturi kienu qablu illi l-kreditu li kellhom kontra tieghu jghadduh fuq xi terza persuna u konsegwentement ghalhekk tirrespingi t-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenut fejn tirrigwarda n-novazzjoni.

Pero' jirrizulta ukoll mill-provi illi s-servizzi illi l-atturi qed jallegaw li taw lill-konvenut ma kienux gew moghtija kollha lill-konvenut izda parti minnhom, dawk moghtija wara l-15 ta' Marzu, 2000, kienu gew moghtija lill-kumpanija 'Page Technology Limited' u ghalhekk ghalihom m'ghandux jirrispondi l-konvenut.

Is-servizzi li ghalihom ghandu jirrispondi l-konvenut ghandhom ikunu dawk moghtija sa l-1 ta' Frar, 2000, fl-ammont komplessiv ta' elf, hames mitt lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,500.75), li minnhom irid jitnaqqas il-valur ta' l-apparat 'Cisco' irritornat fit-12 ta' Dicembru, 2000 ghal valur fis-somma ta' tlett mija u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm345) biex b'hekk l-ammont li ghandu jkun dovut mill-konvenut huwa l-bilanc fis-somma ta' elf, mija u hamsa u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm1,155.75).

Konsegwentement u ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tilqa' it-talba attrici limitatament billi ghar-ragunijiet premessi fl-Avviz tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi, ghas-saldu tal-kreditu taghhom kontra l-istess konvenut, is-somma ta' elf, mija, hamsa u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,155.75), bl-imghaxijiet legali b'effett mill-21 ta' Mejju, 2002.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri, hlief dawk ta' l-Appell, jithallsu in kwantu ghall-kwart (1/4) mill-atturi u tlett kwarti (3/4) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------